**MINUTI LAQGĦA NUMRU 36**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

Il-Ħamis, 15 ta' Lulju, 2021.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum il-Ħamis, 15 ta' Lulju 2021, fl-4:50 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

# 36.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

# 36.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

36.2.1 Minuti Laqgħa Numru 34

36.2.1.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab li ssir korrezzjoni fil-paragrafu li fih hemm imsemmi hu; biex tinqara kif ġej: "Il-Kunsillier Karl Buttigieg ikkummenta li l-Kunsill m'għandux kontroll fuq minn fejn jgħaddu it-trakkijiet – dik biċċa ta' TM. Ir-responsabilità tal-Kunsill hi ir-*resurfacing*. Issuġġerixxa li tinħadem *Bill of Quantities* minn perit biex naraw x'xogħolijiet hemm meħtieġa f'dik it-triq. Il-Kunsill unanimament qabel li t-triq għandha bżonn manutenzjoni urġenti; u biex jinbeda' ix-xogħol għal *Bill Of Quantities* (BOQ)." Il-Kunsill qabel ma din il-bidla.

36.2.1.2 Ma kienx hemm talbiet għal bdil ieħor f'dawn il-minuti u għalhekk dawn ġew approvati.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

36.2.2 Minuti Laqgħa Numru 35

36.2.2.1 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai għamel referenza għal minuta numru 35.4.13 fejn fiha tkellem dwar stop signs biex jinżebgħu. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai iċċara li din kienet mistoqsija u mhux aġġornament. Il-Kinsill qabel ma din il-bidla.

36.2.2.2 Ma kienx hemm talbiet għal bdil ieħor f'dawn il-minuti u għalhekk dawn ġew approvati.

## 36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

36.3.1 Is-Sindku għamel referenza għall-*Gazebos* li hemm fi Ġnien il-Familja. Fakkar li saret applikazzjoni mal-LESA biex dawn jinbidlu, liema talba ma ġietx milqugħa. Bejn perit u xogħol fuq l-applikazzjoni intefqu €900. Dan l-ahhar is-Sindku skopera li l-Ministeru qed jaħdimhom fil-garaxx tal-gvern u l-Kunsill ma ġiex infurmat. Is-Sindku qal li waqt li japrezza ix-xogħol mill-Ministeru, u jidher li bħala materjal u kwalita' ta' xogħol qed isir tajjeb; ħass li bħala Kunsill kellna niġu infurmati għax kieku konna niffrankaw €900.

36.3.2 Is-Sindku semma li tessqet il-Kunsill il-proposta tad-dwal ta' Hondoq. Din damet ma twaħħlet minħabba materjal protettiv li kien għadu ma wasalx u li llejla ser jixgħelu. Is-Sindku qal li raha taċ-ċajt li issa twaħħlu xi dwal oħra, kważi maġembhom. Ma jafx boċċert min għamilhom, jaħseb li saru mill-Ministeru. Is-Sindku stqarr li jifhimx il-punt għala sar it-tieni sett tad-dwal. Il-Kunsillier Karl Buttigieg jixtieq li tintalab kjarifika, u staqsa xħin tara dan kollu għala qiegħdin hawn bħala Kunsill?

36.3.3 Is-Sindku irrapporta li irċieva ilmenti fuq skart fi Triq is-Simar, liema skart jinsab bi swit zvilupp li qed isir minn Mark Agius. Saru talbiet lis-Sur Agius permezz ta' *whatsapp* u email biex inaddaf ħwejġu; liema talbiet ġew injorati. Issa sar rapport mal-Pulizija u ser ikunu qiegħdim imexxu huma.

36.3.5 Is-Sindku semma li r-Reġjun Għawdex għadda lill Kunsill kotba bil-valur ta' €500. Dawn il-kotba waslu u ġew mgħoddija lil-librar biex ikun jista' iqassamhom fil-librerija.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

36.5.6 Is-Sindku semma li llum beda jaħdem ħaddiem ġdid bħala "releaver" fit-toilet ta' Hondoq. Dan il-ħaddiem ried l-overtime, ħaġa li l-Kunsill ma jagħmilx għax jaħdem bir-roster. Qabel illum dan il-ħaddiem kien Health Assistant u ser ikun qed jirrapporta għax-xogħol mal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill ser ikun qed jitolob lill-Ministeru biex ix-xogħol tiegħu ikun imqassam aħjar (reliever + xogħol ieħor bħal per eżempju kennies fil-pjazza u toroq tal-madwar) meta ma jkunx hemm bzonnu ġewwa Hondoq, speċjalment xħin tqis in-nuqqas ta' ħaddiema tal-kunsill.

36.5.7 Is-Sindku semma li qed jirċievi ilmenti dwar toroq li mhux imnaddfa minn ħaxix ħażin. Il-Kunsill għandu problema ta' riżorsi umani u għalkemm dawn qed isiru bil-mod, ma humiex jitnaddfu mill-ħaxix ħażin bil-frekwenza daqs kemm kienu jkunu qabel.

## 36.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

36.4.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li l-Pjazza tingħalaq darbtejn fil-ġimgħa wara li tispiċċa l-quddiesa, għaliex qed isiru ilmenti dwar business mitluf. Ġie suġġerit li l-pjazza tibqa' magħluqa biex jingħata inkoraġġiment lin-negozju. Is-Sindku stqarr li ma jaqbilx minħabba li pjazza tintuża għal parking; u meta kienet magħluqa għal xogħlijiet il-karozzi baqgħu sejrin lejn irħula oħra. Ġie msemmi wkoll li saret laqgħa fil-kunsill mas-sidien tal-ħwienet fix-xitwa li għaddiet; dak inhar dawn is-sidien ma kienux qablu li triq tingħalaq, u ma kkooperawx. Issa jidher li biddlu l-ħsieb. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg u l-Viċi Sindku Ivan Cefai qalu li jekk ser tingħalaq il-pjazza irridu naraw kif residenti tal-pjazza ikollhom aċċess bil-karozza. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ippropona li jekk ikun hemm bzonn dan is-suġġett jitressaq għal vot quddiem il-Kunsill. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak u Joseph Buttigieg issuggerew li jsir perjodu ta' prova. Is-Sindku qal li din tista' ssir, basta jkunu s-sidien tal-ħwienet li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż.

36.4.2 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar ikuns possibli nagħlqu il-Pjazza matul il-ġimgħa tal-festa. Din hi xi ħaġa li ssir kull sena mill-Knisja. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta, bis-Sindku jgħid li jekk ikun hemm rieda tajba mill-partijiet kollha din tista' ssir.

36.4.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlaq semmiet li hemm problema kbira bl-ilma fi Sqaqien ġewwa Triq il-Wardija. Is-Sindku qal li kien tħabat ħafna biex jinbidel dan il-*main* tal-ilma; u qara email li kiteb lill-Water Services Corportation u li fiha l-engineer wieġbu li ser jinbidlu il-mains ix-xitwa li ġejja.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

36.4.4 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak irrappurtat dwar skart li qed jinġema' fi Triq in-Nadur u li qed jiġbed anke ġrieden.

36.4.5 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ser tkun qiegħda tgħaddi lill-Kunsill lista ta' postijiet fejn hemm ħofor fit-toroq biex jimtlew. Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuġġerixxa li meta jsir il-patching jiġi romblu biex jgħaddi fuq ix-xogħol. Is-Sindku qal li ikun iktar utli jekk jinxtara *compactor* li jaħdem bil-petrol.

36.4.6 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li l-WIFI "Ministry for Gozo" fejn il-Kunsill ma għadux jaħdem. Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ma jafux fejn qiegħed l-apparat tiegħu u ser ikunu qed jippruvaw isibuħ.

36.4.7 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa meta ser isir it-*trimming* tas-siġar tal-pjazza. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li biex isir *trimming* tas-siġar jenħtieg jintalab permess mingħand l-ERA; u ta' aġġornament fuq ix-xogħol li diġa' sar.

36.4.8 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma l-problema tal-*caravans* li jkun hemm Hondoq ir-Rummien, u talab biex niktbu stqarrija qasira dwar dan is-suġġett. Is-Sindku qal li ser jieħu ħsieb li tittella *facebook post* fil-ġranet li ġejjin.

36.4.9 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma kaxxa ta' parkeġġ għal persuni b'diżabilità fejn ta' Behemis tal-handicapped fi Triq taċ-Ċawl. Ir-residenti għadhom kontra dan il-Parking, għaliex jekk tiġi bżonn ambulanza kapaċi ma tgħaddiex. Is-Sindku diġa' kellem lil Transport Malta fuq din il-kaxxa. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jerġa jikkomunika ma TM dwar dan il-każ.

36.4.10 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai irrapporta li hemm bankina li trid titranġa fi Triq San Guzepp, quddiem il-MUSEUM.

36.4.11 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa fuq is-showers ta' Hondoq li għadhom magħluqa, u li Marsalforn qed jinfetħu. L-Aġent Sedgretarju Eżekuttiv informa li l-aħħar



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

struzzjonijiet mingħand EcoGozo kienu biex jibqgħu magħluqa bħala prevenzjoni minħabba l-imxija tal-COVID-19. Il-Kunsill ser ikun qed jerġa' jitkellem ma EcoGozo dwar din il-ħaġa.

36.4.12 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ssuġġerixxa li jsir avviż mal-*bus stops* fi Triq il-Kuncizzjoni billi temporanjament m'humiex jgħaddu tal-linja minn hemmhekk minħabba xogħolijiet. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jikteb lil TM dwar dan.

36.4.13 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab li jintbgħat xi ħadd biex jiċċekkja l-bozoz fiz-zona taċ-Ċimiterju.

36.4.14 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai irrapporta li kien hemm karozzi mormijin fejn Joseph tal-Buzz. Issa li l-Karozzi tneħħew imma inġema' ħafna terrapien. Is-Sindku ser ikun qed jibgħat il-ħaddiema jnaddfu z-zona.

36.4.15 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ssuġġerixxa li noffru servizz ta' tindif ta' zona fejn ikun hemm bini tiela. Is-Sindku ma qabilx ma dan il-ħsieb għaliex imkella nkunu rridu nnadfu lil kull min ikun qed jibni.

36.4.16 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma t-trakkjiiet li jgħaddu minn triq il-Mitħna *wrong way*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv aġġorna lill-Kunsill dwar laqgħat mas-Supretendent dwar dan, fejn sal-ġimgħa l-oħra ġie pulizijia għall-footage tas-CCTV biex iħarrku n-nies.

36.4.17 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma salib it-toroq fejn J&B Supermarket, fejn qed isiru ħafna inċidenti tat-traffiku. Is-Sindku qal li diġa' hemm *stop signs*, u ssuġġerixxa li nagħmlu tabelli ta' "stop". Il-Viċi Sindku Ivan Cefai issuġġerixxa sleeping police. Is-Sindku qal li ser ikellem lill-perit tal-Kunsill dwar dan.

36.4.18 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai tkellem dwar il-ħtieġa ta' żebgha tal-art tar-Rajjutt. Is-Sindku qal li din ma saritx minħabba li ma tistax tingħalaq minħabba li triq il-Kunċizzjoni tinsab magħluqa. Issa saret talba ma Transport Malta dwar dan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

36.4.19 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li qisu kull talba li ssir mill-Kunsill ma jsir xejn. Is-Sindku wieġeb li bankini ġodda jaqgħu f'idejn il-Ministeru.

36.4.20 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa il-bankina taċ-Ċentru Ċiviku fi Triq Isqof M. Buttigieg, tistax tiġi irtirata ftit il-ġewwa. Is-Sindku qal li nitkellmu mal-perit dwar dan is-suġġeriment.

36.4.21 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa fuq is-solar panels ta' fuq iċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku qal li ser ikunu qed nitolbu laqgħa mal-engineer tal-Enemalta.

## 36.5 Aġġornament fuq "EUrope Is a State of Mind" (EUISM);

36.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-ewwel li jrid isir hu li naraw x'se jiġri bl-imxija tal-COVID peress li qed jerġgħu jiżdiedu il-każijiet. Matul il-ġimgħa d-dieħla ser ikun qiegħed jaħdem fuq il-biljetti tal-ajru għal Porto. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuġġerixxa li dawn il-biljetti jinxtraw "refundable" ħalli f'każ li l-konferenza jkollha tiġi posposta ma jintilfux flus. Il-Kunsill qabel ma dan.

36.5.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sur Joseph Farrugia, li kellu r-responsabilità li jixtri l-air tickets għall-kunsill, infurmah li mhux ser ikun jista' jibqa jagħmel dan ix-xogħol; u allura dan kollu waqa fuq spallejn l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

36.5.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jikkuntattja lill-Emirates, peress li diġa kienu nxtraw biljetti mingħandom. Jekk dawn il-biljetti mhumiex "refundable" allura ser ikun

1. qed iħassar u jitlob refund tal-booking ma Cyprus Air (li hu refundable);
2. jirranġa id-dati biex il-Kunsill isiefer għal Yeri bl-Emirates,
3. jiżdiedu biljetti mal-Emirates għall-Aġent Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Paul Fenech;

U dan ħalli hekk ma jkunx hemm ħela ta' fondi pubbliċi.

## 36.6 Aġġornament fuq il-proġett ta' *Urban Greening*;



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

36.6.1 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill li x-xogħol wasal kważi fi tmiemu, u li tpoġġew trays taħt il-pots ta' Pjazza San Ġużepp.

36.6.2 Il-Kunsillier Joseph Buttiġieġ qal ukoll li tpoġġew il-pots vojta (li suppost għandom jitpoġġew fejn il-Ġnien Maġistrat Salvu Attard meta l-proġett għal dan il-ġnien ikun lest) fi Ġnien il-Familja. Dawn il-pots huma vojta u hemm periklu li jinsterqu. Il-Kunsill qabel li nitkellmu mas-Surmast biex dawn jitpoġġew fil-gnien tal-iskola.

## 36.7 Aġġornament fuq ix-xogħol fi triq il-Kunċizzjoni;

36.7.1 Is-Sindku ta' rendikont dettaljat tax-xogħol li sar fi Triq il-Kunċizzjoni. Irrapporta li x-xogħol bħalissa jinsab wieqaf għaliex konna qed nistennew li ningħataw il-fondi mill-*Urban Improvment Fund* (UIF). L-approval wasal dalgħodu fejn il-Kunsill ġie mogħti €39,000. Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv diġà iffirmaw u bgħattu d-dokumenti lura lill-PA biex inħaffu kemm jista' jkun il-proċess.

36.7.2 Skond dan il-ftiehim, il-wisa' tal-Bankini ser tkun pied (30cm) minn fejn ta' Sonia għat-tul kollu ta' dik in-naħa tat-triq biex tigi bhala protezzjoni għad-djar mit-trakkijiet. In-naħa l-oħra (i.e. in-naħa tal-guest house ta' Gaġġu) ser tibda wiesa pied (30cm), tieqaf sa fejn joqghod is-Sindku peress li hemmhekk it-triq hija dejqa, u minn hemm 'l isfel ser tiġi 32 pulzier minn tulha kollha. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 36.8 Qala International Folk Festival 2021;

36.8.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sur Joseph Farrugia, li kellu r-responsabilità li jikkoordina din l-attività, infurmah li mhux ser ikun jista' jibqa jagħmel dan ix-xogħol.

36.8.2 Joseph Farrugia. Sindku ppropona lis-Sur Louis Vincent Buttigieg jibda' jieħu ħsieb jorganizza bħala koordinatur; u jingħata l-istess rinumerazzjoni bħal ma kien jieħu s-Sur Farrugia. Il-Kunsill qabel li minħabba l-imxija tal-COVID-19, jara f'Awwissu jitqabbadx jew le is-Sur Buttigieg, dejjem jekk il-Festival ikunx ser isir jew jitħassar.

## 36.9 *Swimmers safety zone* f' ta' Bumbarin;

36.9.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-permess mingħand Transport Malta għal *swimmers zone* f' ta' Bumbarin inħareġ.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

36.9.2 Il-Kunsill ħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol. Xħin għalaq id-*deadline* il-Kunsill ien irċieva tliet kwotazzjonijiet, li ġew ippreżentati waqt il-laqgħa. Il-Kunsill qabel unanimament li tintgħażel l-irħas offerta, li saret minn A. Ferriggi Importers & Distributors.

36.9.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv bagħat email dak il-ħin stess biex il-bidder rebbieħ jiġi infurmat li l-Kunsill aċċetta l-offerta tiegħu; ħalli jkun jista' jibda' ix-xogħol kemm jista' jkun malajr.

## 36.10 Sejħa għal Applikazzjonijiet fuq fondi Ewropej għal ġemellaġġi;

36.10.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li irċievew email mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar "*Town Winning & Network of Towns*". L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għamel riċerka dwar x'kumpanniji hawn fis-suq li jkunu jistgħu jgħinuna bħala mili ta' applikazzjonijiet u anke *project management* f'każ li ningħataw fondi. Sab 4 kumpanniji Taljani u kumpannija oħra min Ċipru li jagħmlu dan ix-xogħol. Dawn il-kumpanniji jaħdmu b'tali mod ji jitħallsu biss jekk il-proġett ikun approvat mill-Kummissjoni Ewropea (jiġifieri, jekk l-applikazzjoni ma tiġix milqugħa allura dawn il-kumpanniji ma jkun imisshom xejn).

36.10.2 Il-massimu ta' fondi li jistgħu jingħataw fuq dawn il-proġetti hu ta' €25,000, u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab għal quotations mingħand dawn il-kumpanniji. L-irħas stima li l-Kunsill irċieva kienet ta' ACe20 SRL. Il-Kunsill qabel li jaċċetta din l-irħas stima ma ACe20 SRL.

36.10.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li fuq din is-sejħa diġa tkellem mal-Kunsill ta' Canale Monterano li urew interess biex jingħaqdu magħna. Qiegħdin ukoll isiru tentattivi biex nikkomunikaw dwar dan mal-Kunsilli ta' Salina li magħhom kien hemm ġemellaġġ magħhom fl-imgħoddi.

## 36.11 Korrispondenzi;

36.11.1 Email mis-Sinjuri Noemi u Rodney Portelli ta' "Kumpless Semper Grove" biex jagħmlu sett bins, a spejjez tagħhom biex fih jinġabar l-iskart tal-blokka tagħhom. Ser ikun qed jiġi avviċinat il-Kuntrattur taż-żibel biex naraw jaċċettax li jiġbor iż-żibel minn dawn il-bins.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

36.11.2 Email mingħand l-Arċipriet Rev. Nazju Borg li fiha talab biex norganizzaw ikla fi żmien il-festa. Il-Kunsill aċċetta din it-talba, dejjem jekk l-attività titħalla ssir mill-awtoritajiet tas-saħħa.

36.11.3 Email mingħand il-*Malta Beekeepers Association*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv iddikjara li hu membru tal-għaqda u li hu stress irabbi n-naħal, minħabba f'hekk ser jaqra l-email kelma b'kelma u mingħajr taqsir. F'din l-email l-Assoċċazzjoni tablet lill-Kunsill biex isir ftiehim ħalli ma jinqatax ħaxix ħażin mit-toroq qabel l-aħħar ta' Mejju. Il-Kunsill qabel ma din it-talba, basta Triq il-Wileġ, Triq il-Barbaġan u Triq il-Ħarq jitħallew barra minn dan il-ftiehim. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuġġerixxa li nitolbu lill-Assoċċazzjoni biex jiggwidawna wkoll fuq "pollinator flowering plants" li nkunu nistgħu niżirgħu madwar ir-raħal.

36.11.4 Email mingħand ir-Regjun f'isem il-Gozo Tourism Association (GTA) biex jaraw il-Kunsilli jaqblux li huma (il-GTA) jipproponu mal-MTA li Għawdex fl-intier tiegħu jiġi dikjarat "Tourist Area" u hekk fix-xhur tas-sajf jieqaf ix-xogħol ta' skavar. Il-Kunsill qabel unanimament ma din it-talba.

## 36.12 Materji oħrajn;

36.12.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-*bins* fi Ġnein il-Familja qdiemu, u talab lill-Kunsill biex jikkunsidra li jinbidlu ma *bins* ġodda. Il-Kunsill qabel li inġibu stima għalihom. Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuġġerixxa li terġa' titħaddem in-nixxiegħa. Is-Sindku qal li hemm qed jintilef l-ilma iżda qatt ma mar jipprova. Il-Kunsill qabel li jinġieb *bowser* ilma biex naraw hux minnu li qed jintilef l-ilma.

31.12.2 Ġiet moqrija u trattata email li kellha tintbgħat lill-Ministru għal Għawdex. Wara li ntlaħaq ftiehim dwar l-aġenda għal laqgħa mal-Ministru, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv bagħat din it-talba għal laqgħa.

31.12.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li t-Tender tat-*truck* waqa', u dan għaliex l-unika bidder li kien hemm ma weġibx għal kjarifika li ntalbet mingħandu mill-bord ta' l-evalwazzjoni. Intlaqħaq qbil li nitolbu mingħand id-Dipartiment biex nixtru wieħed permezz ta' direct order.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

31.12.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kumpannija GoTo bagħtu stima ġdida biex iċaqalqu il-parking space li għandom minn pjazza Isqof Mikiel Buttigieg għal Pjazza San Ġużepp. Il-Kunsill qabel li l-GoTo huma *guests* ġor-raħal u għalhekk jew jagħmlu dan ix-xogħol a spejjez tagħhom, li dan ix-xogħol isir sa ċertu *deadline* jew imkella l-Kunsill jieħu ħsieb ineħħi il-parking space hu stress..

31.12.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-iskeda ta' Pagamenti numru 08/2021. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn il-ħlasijiet.

## 36.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-7:15ta' filgħaxija. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss li ġie propost li ssir nhar il-Hamis, 12 ta' Awissu 2021 fl-4:30 ta' filgħaxija.

Paul Buttigieg
Sindku

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt